# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-4 ta' Diċembru 2023**

**Talba nru. 385/2019**

**JANE AGIUS (K.I. 157267 (M))**

*VERSUS*

**JOHN AGIUS (K.I. 256465 (M))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fid-9 ta' Diċembru 2019 (a fol 1 et seq), l-attriċi talbet l-ammont ta' elf u tmien mitt Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1800.98) rappreżentanti sehem il-konvenut mill-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-bint Donnah Agius.

Ra illi fis-27 ta' Jannar 2020, il-konvenut ġie debitament notifikat (a fol. 24).

Ra illi l-konvenut ippreżenta r-risposta tiegħu fit-13 ta' Frar 2020 (a fol. 26).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta' dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fit-12 ta' Mejju 2022, l-attriċi għalqet l-provi tagħhha (a fol. 142 sa 154).

Ra illi fis-16 ta' Ġunju 2022, il-konvenut għalaq il-provi tiegħu (a fol. 155 sa 168).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Ma hux kontestat illi l-partijiet għandhom bint illi jisimha Donna Agius u illi l-partijiet qegħdin f´separazzjoni quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

Ma hux anqas kontestat illi tul dan il-proċess, il-partijiet għamlu riferenza ampja għal żewġ digrieti illi huma datati 23 ta´ Novembru 2016 (a fol. 8 u 9) u 22 ta´ Ġunju 2017 (a fol. 11 u 12).

Ma hux anqas kontestat mill-partijiet il-manteniment mill-missier veru bintu Donnah Agius.

Il-punt ta´ kontestazzjoni bejn il-partijiet hu dwar l-ispejjeż ta´saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-bint Donnah Agius illi l-attriċi qed tippretendi mingħand il-konvenut u liema spejjeż il-konvenut hu tal-fehma li m´għandux iħallashom.

Spejjeż ta´saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari

Id-digriet datat 23 ta´ Novembru 2016 jipprovdi illi l-konvenut b´effett mis-27 ta´ Ġunju 2016, hu obbligat illi jħallas lill-attriċi l-ammont ta´ ħamsin Ewro (Eur 50) fix-xahar ghall-ispejjeż ta´ saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari u kull tliet xhur isir rendikont bl-irċevuti da parti l-attriċi u ukoll il-minuri m´għandhiex tattendi attivitajiet extra-kurrikulari li mhux tattendi sad-data tad-digriet jekk mhux bi ftehim jew b´ordni tal-Qorti.

Id-digriet datat 22 ta´ Ġunju 2017 imbagħad jipprovdi illi "*Il-Qorti tordna illi b´effett immedjat mal-hlas tal-manteniment gja ordnat tithallas ukoll b´mod provvizorju s-somma ta´ 120 ewro fix-xahar akkont tal-ispejjez ta´ edukazzjoni u sahha u b´dan illi ghandu jsir rikonciljazzjoni mal-ircevuti talvolta pprezentati kull sitt xhur*."

Għal kull buon fini, dan it-Tribunal innota wkoll illi l-avukata tal-attriċi tenniet a fol. 193 is-segwenti: "*Dottoressa jekk ha isemmi l-ircevuti ta´ qabel 2016 tikkonfondi xejn; neliminawhom, lanqas haqq il-kedda lli ser tiehu. Imma jekk fil-kaz don´t worry; li hemm qabl id-digriet neliminawhom biex ma tiehux kedda*" b´dan illi allura dan it-Tribunal ser jieħu konjizzjoni biss tal-irċevuti u provi prodotti li jkopru l-perjodu mis-27 ta´ Ġunju 2016 ´l quddiem. Għaldaqstant, tali irċevuti, u illi huma kkontestati mill-konvenut safejn saret referenza għalihom, mhumiex ser jittieħdu in konsiderazzjoni u ċioe´

1. Fol. 73 – irċevuta mingħand l-In Design (Malta) Ltd. datata 1 ta´ Frar 2016;
2. Fol 73 – irċevuta tad-donazzjonijiet mogħtija lill-iskola Immaculate Conception School datati mis-sena 2014 sa´ Jannar tas-sena 2016;
3. Fol. 74 – irċevuta tal-miżata tal-van tal-iskola datata 31 ta´ Jannar 2016;
4. Fol. 74 – irċevuta tad-depożitu ta´ Eur 555 datata 28 ta´ Marzu 2015;

5. Fol. 75 - irċevuta tad-depożitu ta' Eur 100 datata 1 t'Ottubru 2014;
6. Fol. 76 – irċevuti ta' Eur 27 u Eur 10 datati 26 ta' Frar 2016;
7. Fol. 76 – irċevuta ta' Eur 40 datata 10 ta' Ġunju 2016;
8. Fol. 77 – irċevuta ta' Eur 834 datata 2015;
9. Fol. 77 – irċevuta ta' Eur 600 minn Klikk Computer Store datata 6 ta' Diċembru 2015;
10. Fol. 78 – irċevuta ta' Eur 35 minn Cartias Live-In datata 18 t'Ottubru 2015.

B'dan illi n-nefqa globali li qed tiġi skartata hi ta' **Eur 2760.28** u li kieku sehem il-konvenut kien ikun ta' **Eur 1380.14.**

Biss pero', il-konvenut hu obbligat illi jħallas nofs l-ammont tal-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari mis-27 ta' Ġunju 2016, hemm kif inhu pprovdut fid-digriet imsemmi aktar 'il fuq. B'dan illi allura, dan it-Tribunal ikkonsidra bir-reqqa l-irċevuti u/jew iċ-ċekkijiet ipprovduti mill-attriċi tul dan il-proċess u li huma relatati mal-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari mis-27 ta' Ġunju 2016. Dan it-Tribunal hu tal-fehma illi għandu wkoll jikkunsidra ċ-ċekkijiet ipprovduti mill-attriċi *stante* illi ċekk hu ordni sabiex terza persuna tkun imħallsa b'dan illi allura m'għandu jkun hemm ebda kontestazzjoni dwar il-veraċita' o meno li tali pagamenti saru. Fil-fatt, l-attriċi ipprovdit kopja ċara tat-tali ċekkijiet u lil min kienu pagabbli u anke għalxiex inħarġu. Għaldaqstant, tali rċevuti li ser jittieġdu in konsiderazzjoni mit-Tribunal huma s-segwenti u li ser jinqasmu fil-gruppi hekk imsemmija:

a. Edukazzjoni:

1. Fol. 81 u fol. 126 – irċevuta tal-ezamijiet tal- Matsec fl-ammont ta' Eur 225 datata 6 ta' Novembru 2016;
2. Fol. 83 – irċevuta tal-privat tal-Biology fl-ammont ta' Eur 64 datata 5 ta' Jannar 2018;
3. Fol. 84 – irċevuta ta' donazzjoni lill-Kullegg ta' San Alwigi fl-ammont ta' Eur 100 datata 8 ta' Frar 2019;
4. Fol. 85 – ċekk pagabbli lil Mr. Servolo Delicata għall-privat tal-Chemistry fl-ammont ta' Eur 80 datata 10 ta' Frar 2018;
5. Fol. 86 – ċekk pagabbli lil Mr. Servolo Delicata għall-privat tal-Chemistry fl-ammont ta' Eur 40 datata 9 ta' Marzu 2018;
6. Fol. 87 – ċekk pagabbli lil Mr. Servolo Delicata għall-privat tal-Chemistry fl-ammont

ta´ Eur 50 datata 14 t´April 2018;

7. Fol. 88 – ċekk pagabbli lil Mr. Servolo Delicata għall-privat tal-Chemistry fl-ammont ta´ Eur 40 datata 11 ta´ Mejju 2018;

8. Fol. 89 – ċekk pagabbli lil Mr. Servolo Delicata għall-privat tal-Chemistry fl-ammont ta´ Eur 50 datata 11 ta´ Lulju 2018;

9. Fol. 90 – ċekk pagabbli lil Mr. Servolo Delicata għall-privat tal-Chemistry fl-ammont ta´ Eur 70 datata 7 t´Awwissu 2018;

10. Fol. 91 – ċekk pagabbli lil Mr. Servolo Delicata għall-privat tal-Chemistry fl-ammont ta´ Eur 100 datata 12 ta´ Settembru 2018;

11. Fol. 93 – irċevuta ta´ donazzjoni mill-Kulleġġ San Alwiġi fl-ammont ta´ Eur 200 datata 18 t´April 2018;

12. Fol. 94 – ċekk pagabbli lill-Kulleġġ San Alwiġi fl-ammont ta´ Eur 500 datata 28 ta´ Mejju 2018;

13. Fol. 95 – ċekk pagabbli lill-Kulleġġ San Alwiġi fl-ammont ta´ Eur 500 datata 31 ta´ Mejju 2018;

14. Fol. 110 u 133 – irċevuta mill-Agenda Bookshop fl-ammont ta´ Eur 22.77 għal ktieb datata 23 ta´ Novembru 2017;

15. Fol. 123 – irċevuta mill-Emtes Stationery fl-ammont ta´ Eur 21.65 datata 28 ta´ April 2017;

16. Fol. 125 – irċevuta mid-Department of Examinations fl-ammont ta´ Eur 102.70 datata 14 ta´ Jannar 2017 (London Examinations);

17. Fol. 129 u 131 u 132 irċevuta mill-Agenda Texbooks fl-ammont globali ta´ Eur 323.88 datati 28 ta´ Settembru 2017 (christabel´s visa);

18. Fol. 130 – irċevuta mill-Agenda Bookshop fl-ammont ta´ Eur 55.28 datata 8 ta´ Marzu 2017;

19. Fol. 134 – irċevuta mill-iskola Immaculate Conception School fl-ammont ta´ Eur 100 datata fis-sena 2017;

20. Fol. 135 – irċevuta minn Act Tuition Malta fl-ammont ta´ Eur 100 datata 27 ta´ Frar 2017;

21. Fol. 136 – irċevuta mill-Kulleġġ San Alwiġi fl-ammont ta´ Eur 155 datata 1 ta´ Settembru 2017.

B´dan illi n-nefqa globali għall-edukazzjoni hi ta´ **Eur 2930.28** u li allura sehem il-konvenut hu ta´ **Eur 1465.14** (qabel ma t-Tribunal jikkonsidra d-digrieti u allura t-tnaqqis skond tali

digrieti).

b. <u>Mediċina:</u>

1. Fol. 78 – irċevuta ta´ Eur 33.50 minn Medicaid Pharmacy datata 1 t´Ottubru 2016;
2. Fol. 79 – irċevuta ta´ Eur 23.55 minn St. Philip Pharmacy datata 12 ta´ Novembru 2016;
3. Fol. 99 – irċevuta fl-ammont ta´ Eur 20.79 mir-Rotunda Pharmacy datata 17 ta´ Marzu 2018;
4. Fol. 100 – irċevuta fl-ammont ta´ Eur 60 minn Dr. Lawrence Scerri datata 17 ta´ Marzu 2018;
5. Fol. 101 – irċevuta mir-Rotunda Pharmacy fl-ammont globali ta´ Eur 99.34 datati matul is-sena 2018;
6. Fol. 102 – irċevuta mir-Rotunda Pharmacy fl-ammont globali ta´ Eur 201.24 datati matul is-sena 2018;
7. Fol. 103 – irċevuta mir-Rotunda Pharmacy fl-ammont globali ta´ Eur 181.76 datati matul is-sena 2018;
8. Fol. 104 – irċevuta minn Eyeland Pama (Eyeland Opticians Ltd) fl-ammont ta´ Eur 104.80 datata 20 ta´ Settembru 2018;
9. Fol. 104 – irċevuta mill-Melita Pharmacy għal konsultazzjoni fl-ammont ta´ Eur 60 datata 8 ta´ Novembru 2018;
10. Fol. 104 – irċevuta mill-Melita Pharmacy fl-ammont ta´ Eur 4 datata 8 ta´ Novembru 2018t
11. Fol. 105 – irċevuta mir-Rotunda Pharmacy fl-ammont globali ta´ Eur 126.27 datati tul is-sena 2018;
12. Fol. 107 – irċevuta minn Tat-Targe Pharmacy fl-ammont ta´ Eur 60 datata 22 ta´ Frar 2017;
13. Fol. 108 – irċevuta mill-Medicaid Pharmacy fl-ammont ta´ Eur 19 datata 30 ta´ Marzu 2017;
14. Fol. 109 – irċevuta mir-Rotunda Pharmacy fl-ammont ta´ Eur 51.02 datata 28 ta´ Marzu 2017;
15. Fol. 121 – irċevuta minn Tat-Tarġa Pharmacy fl-ammont ta´ Eur 50.70 datata 27 ta´ Settembru 2017;
16. Fol. 122 – irċevuta minn Tat-Tarġa Pharmacy fl-ammont ta´ Eur 60 datata 27 ta´ Settembru

2017;

17. Fol. 123 – irċevuta mill-Miller 8-till-late fl-ammont ta´ Eur 8.98 datata 7 ta´ Mejju 2017;

18. Fol. 123 – irċevuta mill-Medicaid Pharmacy fl-ammont globali ta´ Eur 117 matul is-sena 2017;

19. Fol. 124 – irċevuta mir-Rotunda Pharmacy fl-ammont globali ta´ Eur 69.54 datati matul is-sena 2017;

20. Fol. 124 – irċevuta minn St. Philip Pharmacy fl-ammont ta´ Eur 16 datata 12 t´Awwissu 2017;

21. Fol. 124 – irċevuta mir-Rotunda Pharmacy fl-ammont globali ta´ Eur 62.09 datati matul is-sena 2017;

22. Fol. 124 – irċevuta mill-Miller Pharmacy fl-ammont ta´ Eur 14.29 datata 24 ta´ Lulju 2017;

23. Fol. 127 u 128 – irċevuta mill-Ottica Randazzo fl-ammont ta´ Eur 179 datati 11 u 16 ta´ Diċembru 2017.

B´dan illi n-nefqa globali għall-mediċina hi ta´ **Eur 1622.87** u li allura sehem il-konvenut hu ta´ **Eur 811.44** (qabel ma t-Tribunal jikkonsidra d-digrieti u allura t-tnaqqis skond tali digrieti).

c. Attivitajiet Extra-Kurrikulari:

i. Badmintom:

1. Fol. 82 – irċevuta tal-Badminton Racket fl-ammont ta´ Eur 35 datata 24 t´Awwissu 2016;

2. Fol. 82 – irċevuta mill-Badmintom Club fl-ammont ta´ Eur 150 datata 21 t´Ottubru 2016;

3. Fol. 96 – irċevuta fl-ammont ta´ Eur 180 mill-Badminton Club datata 8 ta´ Frar 2018;

4. Fol. 111 sa 115 – irċevuta minn Birkirkara Badminton Club fl-ammont ta´ Eur 50 datata 16 t´Ottubru 2017;

5. Fol. 116 sa 119 – irċevuta minn Birkirkara Badminton Club fl-ammont ta´ Eur 45 datata 6 t´Ottubru 2017;

6. Fol. 137 – irċevuta minn Go Sport (Badminton expenses) fl-ammont ta´ Eur 94.28 datata 9 ta´ Settembru 2017;

7. Fol. 138 – irċevuta ta´ Eur 25 datata 27 ta´ Lulju 2017;

8. Fol. 139 – irċevuta minn Badminton Malta fl-ammont ta' Eur 12 datata 19 ta' Novembru 2017;

9. Fol. 139 – irċevuta mill-Badminton Team fl-ammont ta' Eur 30 datata 20 ta' Lulju 2017;

10. Fol. 140 – irċevuta fl-ammont ta' Eur 25 datata datata 24 ta' Novembru 2017.

ii. Żfin:

1. Fol. 97 – ċekk pagabbli lil Annalise Ellul (dancing class) fl-ammont ta' Eur 72 datata 8 ta' Gunju 2018.

B'dan illi n-nefqa globali għall-attivitajiet extra-kurrikulari hi ta' **Eur 718.28** u li allura sehem il-konvenut hu ta' **Eur 359.14** (qabel ma t-Tribunal jikkonsidra d-digrieti u allura t-tnaqqis skond tali digrieti).

B'dan ukoll illi n-nefqa globali għall-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari mid-data tal-ewwel digriet u ċioe mis-27 ta' Ġunju 2016 sad-9 ta' Diċembru 2019 hi ta' **Eur 5267.43** u li allura sehem il-konvenut hu ta' **Eur 2633.72** (qabel ma t-Tribunal jikkonsidra d-digrieti u allura t-tnaqqis skond tali digrieti) u dan skond l–irċevuti ppreżentati f'dan il-proċess u li jinsabu a fol. 73 sa 140.

B'dan illi pero', it-Tribunal ma kkunsidrax tali rcevuti stante li ma setax jifhem ta' xhiex kienu jew l-ammont dovut jew id-data ta' tali irċevuti, u liema irċevuti huma:

1. Fol. 80 u 81, għalkemm datati wara 27 ta' Ġunju 2016.

2. Fol. 92 - ma hemmx data jew xi tkopri.

3. Fol. 98 u 106 – irċevuta fl-ammont ta' Eur 235 lill-Klikk Computer Store datata 2 ta' Marzu 2018 – ma hemmx indikazzjoni xi tkopri;

4. Fol. 109 – irċevuta mingħand it-tabib Rizzo Naudi fl-ammont ta' Eur 10 li hi mingħajr data

Biss pero', dan it-Tribunal jinnota illi mis-27 ta' Ġunju 2016 sal-21 ta' Ġunju 2017, il-konvenut ħallas **Eur 550** għal ħdax-il xahar, u cioe', mis-27 ta' Ġunju 2016 sas-26 ta' Mejju 2017 u mis-27 ta' Mejju sal-21 ta' Ġunju ħallas l-ammont ta' **Eur 43.16** (u b'dan illi kull ġurnata kienet tiswa ċirca Eur 1.66) f'total ta' **Eur 593.16** fi ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari lill-attriċi.

Inoltre', skond it-tieni digriet hawnhekk imsemmi, il-konvenut kellu jħallas l-ammont ta' **Eur 3480** lill-attriċi mit-22 ta' Ġunju 2017 sal-21 ta' Novembru 2019 u ċioe' Eur 120 fix-xahar u li jkopru sentejn u ħames xhur u mit-22 ta' Novembru 2019 sad-9 ta' Diċembru 2019 il-konvenut ħallas l-ammont ta' **Eur 29.88** lill-attriċi (u b'dan illi kull ġurnata kienet tiswa ċirca Eur 1.66)

f´total ta´ **Eur 3509.88** fi ispejjeż ta´ saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari lill-attriċi.

B´dan illi allura mis-27 ta´ Ġunju 2016 sad-9 ta´ Diċembru 2019, il-konvenut ħallas l-ammont globali ta´ **Eur 4103.04** lill-attriċi fi ispejjeż ta´ saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari.

Rendikont bl-irċevuti

B´dan illi pero´ huwa risaput, hekk kif qalet l-attriċi fin-nota tas-sottomissjonijiet ippreżentata minnha u li tinsab a fol. 214 sa 222, illi kien hemm bħal per eżempju l-privat tal-Maths, Chemistry u Biology, ghall-liema l-attriċi qatt ma ngħatat irċevuta u illi pero´ anqas il-konvenut mhu qed jikkontesta tali spiża fl-affidavit tiegħu a fol. 158 meta qal illi "*fejn jidhlu l-privatijiet – jiena qatt ma gejt ikkonsultat jekk verament kelliex bzonn privat jew le, imma fejn jidhlu l-privatijiet lest li jkun hemm tpaccija ma´ l-ammont li diga hallast*" u b´dan illi allura anke l-konvenut kien konsapevoli li tali sitwazzjoni setgħet tinqala´. Il-konvenut ipprova jgħid illi mhux ser iħallas tali spiża fin-nota tas-sottomissjonijiet tiegħu iżda dan it-Tribunal hu tal-fehma illi la l-konvenut kien kuntent b´tali spiża fl-affidavit ma setax imbagħad jipprova jagħti verżjoni differenti fin-nota tas-sottomissjonijiet (a fol. 207). L-istess kwistjoni qamet dwar is-psychology u l-physiology sessions (a fol. 157 fir-rigward tal-affidavit ippreżentat mill-konvenut u 208 tan-nota tas-sottomissjonijiet ippreżentata mill-konvenut).

Inoltre´, il-konvenut, fuq kontro-eżami fil-5 ta´ Lulju 2022, ammetta li r-rendikont bl-irċevuti, għalkemm tard, dejjem wasal, u fil-fatt a fol. 172 huwa xehed illi:

"*Dr. Noella Sciriha: U ovvjament meta mbaghad ordnat li jithallas one hundred twenty Euro (Eur 120) akkont ta´ l.ispejjez ta´ sahha u edukazzjoni ordnat ukoll illi kellu jsir imbaghad rendikont u wiehed johrog il-bilanc ta´ x´kien ghad fadal x´jithallas. Mela, dawn il-bilanci lilek kienu jintbaghtulek. Naqblu?*

*Xhud: Le- Mhux fil-hin.*

*Dr. Noella Sciriha: Le. Mhux fil-hin. Pero´ kienu jintbaghtulek?*

*Xhud: Imma jekk suppost kellhom jintbaghtu kull sitt xhur kienu jintbaghtu meta kien kull sena..., kull meta kien jidhrilha hi.*"

Inoltre´, dan it-Tribunal hu ukoll konvint illi l-konvenut kien jirċievi r-rendikont bl-irċevuti, safejn kien possibli hekk kif spejgat fil-paragrafu t´hawn fuq, għalkemm tard, peress illi fil-kontro-eżami tal-konvenut datat 5 ta´ Lulju 2022, a fol 187 intqal is-segwenti:

"*Dr. Noella Sciriha: Sewwa, meta infethet din il-kawza. Mela naqblu imma illi inti kont tircievi diversi rcevuti ghal dan l-ingwent?*

*Dr. Ann Marie Mangion: Diga´ wiegbek kollega, li r-rendikont kien jircevihom imma rcevihom zmien wara. Jigifieir diga wiegbek.*"

Il-konvenut ipprova jittenta jgħid fl-istess kontro-eżami tal-5 ta´ Lulju 2022, a fol. 172, li

m´għandux iħallas nofs ispejjeż ta´ saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari sempliċiment għax skond hu ma kienx qed ikun infurmat skond id-digrieti.

Tali affermazzjoni ma tħalli ebda dubju f´moħħ dan it-Tribunal illi l-konvenut allura kien jaf illi l-ammont illi kien qed jinqata´ skond id-digrieti hawn fuq imsemmija ma kienx biżżejjed u sempliċiment kien qed jagħmilha diffiċli *stante* illi skond hu, ma kienx qed iħallas sempliċiment għax fuq nuqqas ta´ informazzjoni ppreżentata mill-attriċi.

Inoltre´ jiġi nnutat illi kien hemm sentenza preliminari datata 16 ta´ Novembru 2021 illi tafferma illi rendikont jew rikonċiljazzoni tal-ispejjeż min-naħa tal-attriċi dejjem saret.

Spejjeż minn *pharmacies*

Kontestazzjoni oħra tal-konvenut kienet illi l-irċevuti mill-*pharmacies* mhux dejjem indikaw il-prodott *per se* imma ġieli kien hemm miktub kliem mhux biss *medicines* imma anke *toiletries* jew depart. Pero´ dan it-Tribunal innota illi kemm l-attriċi u anke l-konvenut. Il-konvenut pprova jittenta jgħid illi kien hemm esagerazzjoni ta´ prodotti mixtrija mill-*pharmacies*, biss pero´ dan it-Tribunal jinsab konvint illi kwalunkwe prodott mixtri mill-*pharmacies* li kien ta´ Donnah Agius biss kien qed jiġi mitlub il-konvenut u dan *stante* illi l-attriċi kienet tnaqqas l-ammont tal-prodott meta tali prodott ma kienx ikun għat-tifla Donnah Agius, hekk kif jidher mill-irċevuti a fol. 109 u 123. Li kieku kien hemm qerq min-naħa tal-attriċi, dan it-Tribunal hu tal-fehma li l-attriċi ma kinitx tnaqqas tali ammonti, speċjalment dawk allura immarkati bħala *medicines*.

Ukoll, l-attriċi ppreżentat nota li tinsab a fol. 144 sa 154 illi turi r-riċetti mediċinali, kopjta tal-*consultation request*, u ritratt tal-prodotti mediċinali li tuża Donnah Agius.

Spejjeż imħallsa minn Donnah jew minn oħtha

Dan it-Tribunal hu infurmat illi kemm Donnah u oħtha jgħixu ma´ ommhom b´dan illi allura jista´ jagħti l-każ illi jinxtraw xi affarijiet minn Donnah jew minn ohtha imbaghad l-omm tħallas lill-wild. Il-fatt illi Donnah jew oħtha gieli hallsu xi spejjeż relatati ma´ saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikular ma jnaqqas xejn mid-dmir ta´ ġenitur illi jirrifondi semhu għal tali spejjeż. Id-dmir ta´ ġenitur lejn uliedu hu kruċjali u l-interess tal-minuri hu dejjem suprem, hekk kif inhu ritenut fl-Artikolu 3B tal-Kodici Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta´ Malta u fis-sentenza ***MB Vs U b'digriet tas-26 ta' Mejju 2021 gew nominati Dr Yanika Bugeja u PL Louisa Tufigno bhala kuraturi deputati sabiex jirrappresentw lill-assenti SS***,[1] fejn l-Onorabbli Qorti qalet illi:

*"Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-sentenza flismijiet: Frances Farrugia vs. Duncan Caruana, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017: 3*

*Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma millgurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq*

[1] 9 t´Ottubru 2023, Qorti Civili (Sezzjoni Familja) (Ref.: 98/2019)

*iccitata."*

<u>Stipendju u *Maintenance Grant*</u>

L-istipendju u il-*maintenance grant* jingħataw mill-Gvern lit-tifla għax iddeċidiet li tkompli l-istudji tagħha u tali flejjes m´għandhom qatt jintużaw sabiex il-genituri ma jaqdux dmirijiethom lejn il-wild tagħhom. Fil-fatt, l-ebda liġi ma tindika illi tali stipendju jew *maintenance grant* għandu jintuża minflok il-ħlas dovut mill-ġenituri lejn uliedhom għall-ispejjeż ta´ saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari.

Għaldaqstant, il-konvenut ma jistax jargumenta li hu għandu d-dritt ma jħallasx ghal nofs l-ammont dovut għall-kotba jew *associations* illi Donnah Agius tifforma parti minnhom illi jirregolaw il-professjoni future tagħha.

<u>Spejjeż ta´ attivitajiet extra-kurrikulari</u>

It-tieni digriet hawn iktar ´il fuq imsemmi ma jrendix inefettiv id-dover tal-konvenut fir-rigward tal-ispejjeż ta´ attivitajiet extra-kurrikulari hekk kif hemm miktub fl-ewwel digriet, ukoll iktar ´il fuq imsemmi, u dan għaliex li kieku l-Onorabbli Qorti riedet tvarja d-digriet fir-rigward tal-ispejjeż ta´ attivitajiet extra-kurrikulari kienet tagħmel dan bil-miktub.

Għaldaqstant, il-konvenut hu obbligat li jħallas nofs tali spejjeż ta´ attivitajiet extra-kurrikulari u b´dan illi tali Tribunal hu tal-fehma wkoll illi jekk il-konvenut kien qed iħallas ħamsin Ewro (Eur 50) fix-xahar akkont għall-ispejjeż ta´ saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari, wara t-22 ta´ Ġunju 2017, hu kellu jibqa´ jħallas l-ammont ta´ ċirca sbatax-il Ewro fix-xahar (Eur 17) akkont għall-ispejjeż ta´ attivitajiet extra-kurrikulari u ċioe´ għaliex tali ħamsin Ewro (Eur 50) fix-xahar tinqasam bejn tliet spejjeż.

<u>Spejjeż ta´ saħħa u edukazzjoni</u>

Li persuna tagħmel in-nuċċali hi spiża ta´ saħħa peress illi minghajr tali nuċċali persuna ma tkunx tista´ tara sew b´dan illi l-konvenut allura hu obbligat li jħallas nofs tali spiża. Jekk il-konvenut jallega li tali spiża hi għolja, u allura jgħid illi tali spiża hix ġustifikata, dan it-Tribunal ma jistax jifhem kif il-konvenut iddeċieda li jekk iħallas kwart hu ġust.

Dan it-Tribunal anqas ma jista´ jaċċetta l-argument tal-kovenut meta jgħid illi l-*lenses* ma humiex bżjonnjużi jekk Donnah ghamlet in-nuċċali għaliex il-*lenses* huma bżjonnjużi ferm għaliex ikun hemm ċirkostanzi anke fuq ix-xogħol u ċioe´ matul l-istudji tagħha fejn ma tkunx tista´ tilbes nuċċali għaliex per eżempju l-lenti tittappan bħal meta jkollha tilbes maskra.

Ukoll, safar bhall-*iSlovenia Research Exchange* jaqgħu taht spejjeż ta´ edukazzjoni u dan *stante* illi Donnah Agius marret mal-iskola u ukoll sabiex ittejjeb l-istudji tagħha. Tant hu hekk illi l-attriċi in kontro-eżami tal-5 ta´ Lulju 2022, l-attriċi tenniet illi "*Ghax bhala grupp marru*" (a fol. 201).

Tenut dan kollu, it-Tribunal jerġa´ jirreferi għall-Artikolu 3B tal-Kodici Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta´ Malta u fis-sentenza ***MB Vs U b'digriet tas-26 ta' Mejju 2021 gew nominati Dr Yanika Bugeja u PL Louisa Tufigno bhala kuraturi deputati sabiex jirrappresentw lill-assenti SS,***[2] fost oħrajn.

Ammont dovut mill-konvenut lill-attriċi

*Stante* illi mill-provi prodotti, it-Tribunal seta´ jasal, fuq bażi ta´ probabbilita´, illi l-attriċi kienet ġusta f´dak li allegat u dan hekk kif spjegat iktar íl fuq, dan it-Tribunal hu konvint illi l-konvenut irid iħallas l-attriċi s-somma ta´ elf u tmien mitt Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1800.98) rappreżentanti sehem il-konvenut mill-ispejjeż ta´ saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-bint Donnah Agius.

Dan it-Tribunal seta´ jara illi l-attriċi ppreżentat rendikont dettaljat li jinsab a fol. 69 sa 71 u kif ukoll reġgħet spjegat fid-dettal is-somma dovuta fin-nota tas-sottomossjonijet li tinsab a fol. 214 sa 222.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tal-attriċi għall-ammont ta´ elf u tmien mitt Ewro u tmienja u disgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1800.98) rappreżentanti sehem il-konvenut mill-ispejjeż ta´ saħħa, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari tal-bint Donnah Agius bl-imgħax li jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur

---

[2] 9 t´Ottubru 2023, Qorti Civili (Sezzjoni Familja) (Ref.: 98/2019)